**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Oglive Grima**

Kaz Numru: 1345/2012

Illum 3 ta' Novembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Oglive Grima ta' 21 sena bin Tony u Anna xebba Borg imwieled il-Pieta' nhar is-26 ta' Marzu 1991, residenti gewwa Blk 8, Unit 1, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Rinella, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita' 207891(M):

Talli f'dawn gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, f'Rahal Gdid, nhar is-26 ta' Settembru 2012 ghal habta ta' xi tmienja u nofs ta' filghodu (08:30hrs) gieghel animal isofri minn ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 33A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat talli fl-istess zmien u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kkundizzjonata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Dr A. Miicallef Trigona LLD ai termini ta' Kap 446 datata 22 t'Awwissu 2012.

U aktar talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Magistrati ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat qieghed jigi akkuzat li filwaqt li kien mizmum fil-facilita' korrettiva ta' Kordin nhar is-26 ta' Settembru 2012 ikkawza ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn lill-kelba li kienet tinzamm fl-istess facilita'.

Jirrizulta li l-imputat fiz-zmien tal-akkadut kien prigunier. Hekk kif jirrizulta mix-xhieda ta' SCO Martin Schembri fid-data tal-incident l-imputat kien f'izolament. Ix-xhud spjega li l-prigunieri li jkunu fl-isolation area jifthulhom u joqghodu f'gagga *ambulance bay* sabiex jiehdu xi te' jew kafe'. Infatti ghandhom kitla. Dan ix-xhud spjega li lill-kelba kienu johorguha fil-bitha fejn hemm dan l-ambulance bay. Kif dakinhar hareg lill-kelba fil-bitha u huwa kien qieghed fil-guard room jitkteb l-okkorrenzi sema' lill-kelba twerzaq u dahlet fejn kien huwa b'rankatura totmieghek mal-art u marret fejn saqajh. Kienet ghadha tidher b'daraha imxarrab u kien ghadu jahraq. Huwa mar jittawwal u sab lill-imputat u lil huhh f'din il-gagga. Xehed li ra r-recording u ra lill-imputat johrog tazza bil-mishun jaghli minn bejn il-hadid u tefaghilha. Dak il-hin qafel lill-imputta u qallu li l-ilma kien tefaghhulha. Ftit granet wara l-akkadut, l-imputat kitiblu nota[1] li permezz taghha skuza ruhu talli kien gara. Huwa talab lill-Maggur biex icekknu l-affarijiet halli jibqghu sew ma' xulxin u weghdu li se joqghod bilghaqal. Ix-xhud ha lill-kelba ghand veterinarja u rrizulta li kellha *first degree burn* u kellhom jaghmlulha l-creams tlett darbiet kuljum ghal diversi gimghat.

Infatti l-veterinarja Dr Victoria Bondin tikkonferma n-natura tal-griehi sofferti u spjegat li l-griehi huma kompatibbli ma' *burns* u inoltre'

---
[1111] Dok MS a fol

spjegat li l-griehi sofferti kienu hekk billi ttiehdet azzjoni immedjata meta hasluha bl-ilma kiesah ghaliex altrimenti l-konsegwenzi kienu jkunu aktar serji.

Irrizulta wkoll mix-xhieda ta' CO175 Noel Mifsud Bonnici li fiz-zmien kien stazzjonat fil-facilita' korrettiva ta' Kordin jixhed li dakinhar tal-akkadut huwa kien fil-guard room izda jikkonferma li sema' lill-kelba tinghi bl-ugiegh. Huwa spjega wkoll li fejn kienu l-prigunieri dak il-hin ghandhom access ghal-kitla u inoltre' fl-istess hemm ukoll sink fejn wiehed jista' jarmi jew jiddisponi mill-ilma.

Min-naha tieghu l-imputat irrilaxxja stqarrija fejn il-versjoni li ta kienet li huwa kien qieghed jahsel il-bowls bil-mishun fil-bitha peress li kienu mcappsin biz-zalza, kien hemm huh fin-nofs u kien hemm il-kelba warajh u ma rahiex u laqghatha bil-mishun. Qal ukoll li l-Maggur tefghu goc-cella u ghamel tnax-il gurnata maqful. L-imputat ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri u bazikament ta l-istess versjoni hlief li sostna li l-ilma kien fietel.

Din il-Qorti tqis li inkwantu l-prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni sal-grad rikjest mil-ligi. Il-Qorti rat ir-recording li gie pprezentat. F'dan ir-recording l-ucuh taz-zewg individwi gol-bay ma jidhrux ghalkemm il-movimenti li kienu qeghdin isiru jidhru. Biss pero' l-istess imputat kemm fl-istqarrija kif ukoll meta xehed jikkonferma li dak il-hin kien hemm huwa u huh. Minn dan ir-recording jirrizulta li meta l-kelba harget gol-bitha fejn hemm din l-ambulance bay hija marret fid-direzzjoni ta' fejn kien l-imputat u huh. Hekk kif il-kelba resqet lejn il-kancell prigunier minnhom jidher li qam u dahal il-gewwa u wara ftit rega' deher fuq il-filmat u jidher li waddab xi haga fid-direzzjoni tal-kelba li tidher immedjatament titlaq tigri. L-imputat ma jistax jitwemmen meta jghid li lill-kelba ma rahiex ghaliex kellu vizwali tajba. Oltre' minn hekk irrizulta wkoll li kellu sink fejn kienu u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jarmi barra. B'zieda ma' dan jinghad li n-nota miktuba mill-imputat tkompli tikkonferma kemm dan ma kienx bi zball izda ghamilha apposta u dan partikolarment meta jwieghed li se jibda joqghod bilghaqal. Id-difiza argumentat x'kienet qeghda taghmel il-kelba f'dak il-lok? Din il-Qorti mhix se tidhol f'dan il-mertu izda certament anki kieku ma kienx postha fil-facilita' din qatt ma tista' tkun xi skriminanti a beneficcju tal-imputat.

L-imputat allega wkoll li minhabba dan l-incident ittiehdu passi dixxiplinari fil-konfront tieghu, izda tali allegazzjoni ma rrizultatx meta ngiebu r-records tieghu.

Bla ebda dubju rrizulta li l-kelba sofriet ugiegh minhabba dan l-akkadut u ghaldaqstant l-imputat qieghed jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

It-tieni imputazzjoni wkoll tinsab ippruvata billi rrizulta li l-imputat kien prigunier u r-reat sehh proprju fil-facilita' korrettiva.

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni fic-citazzjoni l-imputat gie akkuzat li huwa wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kundizzjonata permezz ta' sentenza tat-22 ta' Awwissu 2012. Mill-atti jirrizulta li giet ezebita sentenza Dok JV1 minn liema jirrizulta li tirreferi ghall-imputat billi n-numru tal-karta tal-identita' huwa identiku ghall-imputat odjern. Biss pero' minn tali sentenza jirrizulta li l-imputat fil-fatt kien tqieghed taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin u ma inghatax liberta' kundizzjonata. Harsa lejn il-fedina penali jirrizulta li f'dik id-data kienet biss din is-sentenza li nghatat fil-konfront tal-imputat u inoltre' il-Magistrat indikat huwa l-istess kemm fic-citazzjoni u fil-fedina penali. Ghalhekk din il-Qorti nonostante tali divergenza xorta wahda se ssib lill-imputat hati li wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' ordni ta' probation u dan billi huwa evidenti li dan kien lapsus calami u kif inhu maghruf ic-citazzjoni hija biss *avviso a comparire*. Stabilit dan kollu, din il-Qorti anki tenut kont ukoll li l-perjodu tal-ordni tal-probation issa skada, tqis li m'ghandhix titratta mal-imputat dwar il-ksur tal-ordni ta' probation.

Inkwantu ghar-raba' imputazzjoni din ma gietx ippruvata billi kull ma giet ezebita kienet is-sentenza tat-22 ta' Awwissu 2012 fejn l-imputat tpogga taht ordni ta' probation u kif inhu maghruf din mhix kundanna.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti tqis in-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat u il-fedina penali tieghu mil-liema jirrizulta li l-imputat gie kkundannat diversi drabi ghal diversi reati u xorta wahda huwa evidenti li ma tghallimx. Ghaldaqstant din il-Qorti se timpani prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-addebitu tar-recediva u minnu tilliberah, wara li rat l-artikoli 8(2) u 45(1) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 31(f) u 33A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra b'dan li inkwantu ghat-tielet imputazzjoni qeghda ssibu hati ta' ksur ta' ordni ta' probation u tikkundannah ghal xahrejn prigunerija.

Inoltre' l-Qorti taghzel li ma titrattax mal-imputat ghal ksur tal-ordni tal-probation.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat